Mill-President
Henry B. Eyring
L-Ewwel Kunsillier
fl-Ewwel Presidenza



Familji u Talb

Darba waħda bil-lejl, hekk kif kont ninsab bil-qiegħda ħdejn is-sodda ta' missieri, huwa beda jkellimni dwar it-tfulija tiegħu. Huwa tkellem dwar l-imħabba tal-ġenituri tiegħu fi żminijiet diffiċili u dwar l-imħabba ta' Missieru tas-Smewwiet u tas-Salvatur. Jien kont naf li hu kien qed imut bil-kanċer, għalhekk ma kontx nissorprendi ruħi li xi kultant kien iħawwad is-sentimenti li kellu lejn Missieru tas-Smewwiet mal-imħabba u t-tjubija ta' missieru fid-dinja. Missieri spiss kien jgħid li meta huwa jitlob, kien jimmaġina lil Missieru tas-Smewwiet jitbissem.

Il-ġenituri tiegħu għallmuh bl-eżempju tagħhom li għandu jitlob bħallikieku qed jitkellem ma' Alla u li Alla jwieġeb it-talb tiegħu b' imħabba. Huwa baqa' jimxi wara dan l-eżempju sal-aħħar ta' ħajtu. Meta l-uġigħ sar mill-aktar intens, sibnieh għarkopptejh filgħodu ħdejn is-sodda. Kien dgħajjef wisq biex jerġa' jitla' lura fis-sodda. Huwa qalilna li fit-talb tiegħu kien qed jistaqsi lil Missierna tas-Smewwiet għalfejn kellu jsofri daqstant meta dejjem ipprova jagħmel it-tajjeb. Huwa qal li rċieva tweġiba mill-aktar ħanina: "Alla jeħtieġ ulied qalbiena."

U għalhekk huwa baqa' għaddej b' kuraġġ sal-aħħar, b' fidi li Alla verament iħobbu, li sema' talbu u kien hemm biex jissapportjah. Huwa kien imbierek li kien jaf kmieni f' ħajtu xi ħaġa li qatt ma nesa, li Alla, li kien verament iħobbu, seta' dejjem ikun viċin tiegħu permezz tat-talb.

Kien għalhekk li l-Mulej għallem lill-ġenituri, "U huma għandom jgħallmu wkoll lil uliedhom jitolbu, u jimxu b' mod xieraq quddiem il-Mulej" (D&C 68:28).

L-evanġelju ta' Ġesù Kristu ġie rrestawrat—bil-Ktieb ta' Mormon u l-imfietaħ kollha tas-saċerdozju li jistgħu jissiġillaw il-familji—għaliex Joseph Smith meta kien għadu tifel talab bil-fidi. Huwa kiseb dik il-fidi ġo familja fidila mimlija mħabba.

Għoxrin sena ilu, il-Mulej ta lill-familji dan il-kunsill f' "Il-Familja: Proklamazzjoni lid-Dinja" mill-Ewwel Presidenza u l-Kworum tat-Tnax-il Appostlu: "Żwiġijiet u familji ta' suċċess huma mibnija u sostnuti fuq il-prinċipji tal-fidi, tat-talb, tal-indiema, tal-maħfra, tar-rispett, tal-imħabba, tal-kompassjoni, tax-xogħol u ta' attivitajiet rikreattivi xierqa."[1]

Aħna lkoll għandna nkunu verament grati għall-familja ta' Joseph Smith il-Profeta għat-trobbija tiegħu. Il-familja tiegħu hija eżempju mhux biss ta' fidi u talb iżda wkoll ta' ndiema, maħfra, rispett, imħabba, kompassjoni, xogħol u attivitajiet rikreattivi xierqa.

Il-ġenerazzjonijiet li jiġu warajkom jafu jsejħulkom imbierka għall-eżempju ta' talb fil-familja tagħkom. Jista' jkun li intom ma trabbux xi qaddej kbir ta' Alla, iżda tistgħu permezz tat-talb tagħkom u l-eżempju tagħkom ta' fedeltà tgħinu lill-Mulej Ġesù Kristu jrawwem dixxipli twajba u maħbuba.

Fost dak kollu li tafu tagħżlu li tagħmlu sabiex tgħinu lill-Mulej, it-talb għandu jkun fil-qalba ta' kollox. Apparentament jeżistu nies ordinarji li, meta huma jitolbu, jispiraw oħrajn sabiex jiftħu għajnejhom ħalli jaraw ma' min qed jitkellmu. Intom tistgħu tkunu dan it-tip ta' nies.

Aħsbu x' jista' jfisser dan għal dawk li jinżlu għarkupptejhom magħkom fit-talb tal-familja. Meta huma jħossu li intom tkunu qed titkellmu ma' Alla bil-fidi, il-fidi tagħhom tikber biex huma wkoll jitkellmu ma' Alla. Meta intom titolbu biex tirringrazzjaw lil Alla għal barkiet li huma jafu li rċevew, il-fidi tagħhom tikber li Alla verament iħobbhom u li Huwa jwieġeb it-talb tagħkom u jwieġeb tagħhom ukoll. Dan jista' jseħħ fit-talb tal-familja biss meta intom tesperjenzaw u tibqgħu tesperjenzaw din l-istess esperjenza fit-talb privat tagħkom.

Jiena għadni nħossni mbierek minħabba li kelli missier u omm li tkellmu ma' Alla. L-eżempju tagħhom tal-qawwa tat-talb fil-familji għadu jbierek il-ġenerazzjonijiet li ġew warajhom.

Uliedi u n-neputijiet tiegħi huma mberkin kuljum bl-eżempju tal-ġenituri tiegħi. Għaddiet għandhom il-fidi li Dak Alla li tant iħobbhom jisma' u jwieġeb it-talb. Intom ukoll tistgħu toħolqu dan it-tip ta' wirt fil-familja tagħkom. Jiena nitlob li hekk tagħmlu.

NOTA

1. "Il-Familja: Proklamazzjoni lid-Dinja," *Liahona,* Nov. 2010, 129.

NIĊĊELEBRAW L-20 ANNIVERSARJU TAL-PROKLAMAZZJONI DWAR IL-FAMILJA

"Il-Familja: Proklamazzjoni lid-Dinja" tgħallimna prinċipji li għadhom japplikaw għal żmienna daqs kemm kienu japplikaw l-ewwel darba li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Settembru, 1995. Ikkunsidraw li tistiednu lill-individwi u l-familji li intom tgħallmu sabiex jiċċelebraw l-20 anniversarju tal-proklamazzjoni billi:

1. Jagħmlu lista ta' prinċipji li hemm fiha li għalihom għandhom sinifikat speċjali. (Araw kif il-President Eyring jagħmel dan bit-talb fil-messaġġ li hemm aktar 'il fuq.)
2. Jiddiskutu kif kull prinċipju jista' jberikom kemm illum kif ukoll fil-futur.
3. Ifasslu ċerti għanijiet speċifiċi biex jinkorporaw dawk il-prinċipji f' ħajjithom u jaqsmuhom ma' ħaddieħor.

© 2015 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/15. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/15. Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, September 2015.* Maltese. 12589 159

ŻGĦAŻAGĦ

Nitjiebu fit-Talb

Il-President Eyring jgħallem li l-familja tagħkom tista' titbierek permezz tar-relazzjoni b' saħħitha tagħkom ma' Missierkom tas-Smewwiet. Intom tistgħu ssaħħu r-relazzjoni tagħkom miegħu billi ttejbu t-talb tagħkom! Dawn li ġejjin huma xi ftit ideat kif tistgħu tagħmlu dan:

Qabel tibdew titolbu, iddedikaw ftit minuti biex taħsbu dwar dak li tridu tgħidu. Ikkunsidraw xi mistoqsijiet li jista' jkollkom jew xi ħwejjeġ li qed idejqukom—tistgħu anke tiktbuhom ħalli ma tinsewhomx. Użaw dan il-ħin ukoll biex twarrbu minn ġewwa moħħkom l-inkwiet kollu tal-jum ħalli tkunu tistgħu tiffukaw biss fuq is-sentimenti ġentili tal-Ispirtu s-Santu. Jekk ħsibijietkom jibdew jiddevjaw xi ftit waqt li tkunu qed titolbu, ippruvaw immaġinaw lil Missierna tas-Smewwiet qiegħed jismagħkom. Kunu speċifiċi meta titkellmu. Iddedikaw ukoll ftit minuti fi tmiem it-talba tagħkom biex tisimgħu x' inhuma is-suġġerimenti tal-Ispirtu. Forsi tkunu tridu tniżżlu fuq id-djarju tagħkom is-sentimenti li intom tħossu.

Ftakru li t-talb ukoll għandu bżonn il-prattika, għalhekk tinkwetawx jekk iddumu tippruvaw jew jekk għall-ewwel issibuha xi ftit diffiċili! L-isforz li intom tagħmlu meta titolbu jgħinkom tibnu relazzjoni ma' Alla li tbierek ġenerazzjonijiet sħaħ.

TFAL

Ftakar fit-Talb

Il-President Eyring jgħallem li huwa importanti li intom titolbu mal-familja tagħkom. Intom tistgħu tkunu ta' eżempju għall-familja tagħkom billi titolbu ta' kuljum. Tistgħu tfakkru wkoll lill-membri tal-familja tagħkom biex jingħaqdu magħkom ħalli titolbu flimkien. Ftakru din il-kwotazzjoni minn diskors ieħor mill-President Eyring: "Missierna tas-Smewwiet jisma' t-talb tagħkom. Huwa jħobbkom. Huwa jafkom b' isimkom" ("Continuing Revelation," *Liahona,* Nov. 2014, 73). Iktbu din il-kwotazzjoni fuq biċċa karta u poġġuha fejn jistgħu jarawha l-membri kollha tal-familja tagħkom. B' dan il-mod tkunu tistgħu dejjem tiftakru li Missierkom tas-Smewwiet jixtieq jisma' x' għandkom xi tgħidulu!

Il-Kwalitajiet Divini ta' Ġesù Kristu: Mimli Qawwa u Glorja

Bl-ġhajnuna tat-talb studja dan il-materjal u fittex sabiex tkun taf x' ġhandek taqsam ma' hutek. Kif jista' l-ġharfien tieġhek tal-kwalitajiet divini tas-Salvatur ikabbar il-fidi tieġhek fih u jbierek lil dawk li int responsabbli minnhom permezz tat-taġhlim taż-żjajjar? Ġhal aktar informazzjoni, żuru ***reliefsociety.lds.org****.*

Fidi, Familja, Ġhajnuna

Dan huwa parti minn serje ta' Messaġġi tal-Ġhalliema taż-Żjajjar li jitrattaw ċerta kwalitajiet divini tas-Salvatur.

L-iskrittura tġhallimna li Ġesù Kristu "irċieva l-qawwa kollha, kemm fis-sema kif ukoll fl-art, u l-glorja tal-Missier kienet miegħu" (D&C 93:17). Il-Presbiteru M. Russell Ballard tal-Kworum tat-Tnax-il Appostlu qal li permezz ta' din il-qawwa s-Salvatur tagħna ħoloq is-smewwiet u l-art, wettaq il-mirakli u kkumbatta l-uġigħ tal-Ġetsemani u l-Kalvarju.[1] Hekk kif aħna nibdew nifhmu dan, il-fidi tagħna fi Kristu tikber u aħna nissaħħu.

Hekk kif aħna nagħmlu u nżommu l-patti tat-tempju, il-Mulej iberikna bil-qawwa Tiegħu. Linda K. Burton, il-president ġenerali tas-Soċjetà tal-Ġhajnuna, qalet: "Iż-żamma tal-patti ssaħħaħna, tqawwina u tipproteġina. . . . M'ilux iltqajt ma' ħabiba ġdida u ġhażiża tiegħi. Hija qasmet miegħi ix-xhieda tagħha li wara li hi rċeviet l-ġhotja mqaddsa tagħha tat-tempju, hija ħassitha titqawwa bil-qawwa li tirreżisti t-tentazzjoni."[2]

Nefi jaqsam magħna t-testimonjanza tiegħu dwar il-qawwa tal-patti "Jiena, Nefi, rajt il-qawwa tal-Ħaruf ta' Alla, li niżlet . . . fuq il-poplu tal-patt tal-Mulej, . . . u huma ġew armati permezz tas-sewwa u permezz tal-qawwa ta' Alla fl-ogħla glorja."(1 Nephi 14:14).

Skrittura Addizzjonali

Ġeremija 51:15; Rivelazzjoni 1:6; Jacob 4:6–7; Mosiah 3:17

Mill-Iskrittura

Mimli kompassjoni ġhal Marta u Marija, Ġesù Kristu qajjem lil ħuhom Lazzru mill-mewt bil-qawwa ta' Alla li Huwa kien jippossedi.

Ġesù wasal fid-dar ta' Marta u Marija wara li Lazzru kien diġà ilu erbat ijiem midfun. Huma marru ħdejn il-qabar ta' Lazzru, u Ġesù talab biex titneħħa l-blata li kienet qed tagħlaq il-qabar. Ġesù qal lil Marta: "Ma ġhedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?" Imbagħad Huwa talab lil Alla l-Missier u "ġhajjat b' leħen ġholi, Lazzru, oħroġ!

"U dak li kien mejjet ħareġ, b'idejh u riġlejh infaxxati." (Ara Ġwanni 11:1-45.) Is-Salvatur uża l-qawwa Tiegħu biex jifdina u jimlina bil-qawwa. Il-fidi tagħna fih tikber hekk kif aħna niftakru li Hu mimli qawwa u glorja.

NOTI

1. Ara M. Russell Ballard, "This Is My Work and My Glory," *Liahona,* Mejju 2013, 18.
2. Linda K. Burton, "The Power, Joy, and Love of Covenant Keeping," *Liahona,* Nov. 2013, 111.

Ikkunsidraw Dan

Il-qawwa ta' Alla kif tista' tarmana bil-qawwa u l-glorja?

© 2015 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Stampat fil-Ġermanja. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/15. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/15.
Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, September 2015*. Maltese. 12589 159